# Jeremy Boissevain u l-Festi f' Ħal Kirkop



**Delia Inguanez**
B.A. (Hons) Sociology

L-istudju '*Saints and Fireworks – Religion and Politics in Rural Malta* ta' Jeremy Boissevain sar ftit snin biss qabel ma' Malta kisbet l-Indipendenza fl-1964. Dan l-istudju sar bejn Lulju tal-1960 u Settembru tal-1961. L-għan ewlieni ta' Jeremy Boissevain kien li ssir analiżi dettaljata tal-politika fl-irħula, u kif din tħalli l-impatt tagħha fuq il-politika nazzjonali. Għal dan il-għan, Jeremy Boissevain għażel li jistudja żewġ irħula, li hu jirreferi għalihom bħala 'Ħal Farruġ' u l-'Kortin'.

L-isem fittizju ta' Ħal Farruġ jirreferi proprju għar-raħal ta' Ħal Kirkop. Ir-raġuni li Boissevan għażel dan ir-raħal kienet minħabba r-rivalità li kienet teżisti bejn iż-żewġ każini tal-baned, kif ukoll minħabba l-fatt li Ħal Kirkop huwa wieħed mill-iżgħar irħula f'Malta. Fil-fatt fiż-żmien li Boissevain kien qed jagħmel ir-riċerka tiegħu, il-popolazzjoni ta' Ħal Kirkop kienet dik ta' madwar 1,400 persuna.

Ir-riċerka ta' Boissevain hija waħda interessanti, mhux biss għax tittratta d-drawwiet ta' pajjiżna, iżda għax il-mod li huwa għażel biex jagħmel ir-riċerka għandu diversi fatturi importanti, speċjalment għal studju soċjoloġiku bħal dan. L-aktar element importanti huwa l-fatt li biex ġabar l-informazzjoni li kellu bżonn fuq dawn iż-żewġ irħula studjati, Jeremy Boissevain, fittex li kemm jista' jkun ikun qrib ir-raħal li qiegħed jistudja. Fil-fatt Boissevan għamel ħames xhur jgħix ġewwa r-raħal ta' Ħal Kirkop. Minbarra li seta' jgawdi l-ħajja kwieta ta' dan ir-raħal, din kienet ta' vantaġġ għalih, għax b'hekk huwa seta' jitħallat ma' kull tip ta' persuna li kienet tgħix ġewwa Ħal Kirkop f'dak iż-żmien. Fil-fatt fil-ktieb tiegħu '*Saints and Fireworks*' isemmi numru ta' Koppin li għinuh fl-istudji tiegħu, kemm billi rrakkontawlu xi ġrajjiet mill-passat, kif ukoll billi introduċewh ma' nies li setgħu jifthulu tieqa fuq il-ħajja tal-Koppin u fuq iż-żewġ festi.

Jeremy Boissevan jirreferri għall-festi ta' Ħal Kirkop b'żewġ ismijiet fittizji, li huma l-festa ta' 'San Martin' u l-festa ta' 'Santu Rokku'. Il-festa ta' San Martin tirreferi għall-festa ta' San Leonardu, filwaqt li l-festa ta' Santu Rokku tirreferi għall-festa ta' San Ġużepp. Boissevain għażel li juża ismijiet fittizji għall-festi f'Ħal Kirkop biex b'hekk ma tinkixifx l-identità ta' dawk li għinuh biex kiseb l-informazzjoni. Fil-fatt, xi snin wara li ħareġ il-ktieb tiegħu '*Saints and Fireworks*', Boissevain ħareġ epilogu fejn fih isemmi liż-żewġ irħula u lill-festi ta' Ħal Kirkop b'isimhom. Skond Jeremy Boissevain l-għaqdiet tal-festi fir-raħal ta' Ħal Kirkop kienu ta' importanza kbira, għaliex kienu dawn l-għaqdiet li kienu jirrappreżentaw lir-raħal man-nies ta' barra mir-raħal. Madankollu, il-fatt li kienet teżisti ċertu rivalità u pika bejn iż-żewġ għaqdiet, kien jagħmilha ferm diffiċli li wieħed juri sens ta' unità bejn il-Koppin kollha.

Fil-fatt, Boissevain ikompli jgħid, li l-każini tal-banda f'Ħal Kirkop kienu jikkompetu

fuq diversi affarijiet fosthom fuq:

- l-ornamenti,
- l-adorazzjoni lill-istatwa tal-qaddis,
- id-dekorazzjonijiet tat-toroq tar-raħal tul il-ġimgħa tal-festa,
- in-numru ta' baned barranin li jiġu mistiedna biex jagħtu sehemhom fil-ġimgħa tal-festa,
- in-nar,
- in-numru ta' partitarji,
- il-qies tax-xemgħa, u
- saħansitra anke fuq in-numru ta' bozoz li jiġu mixgħula mal-faċċata tal-knisja dakinhar tal-festa.

Minħabba li fl-1935 kien inqalgħet kwistjoni bejn il-każin tal-banda tal-patrun tar-raħal u l-każin tal-festa sekondarja, il-Knisja ħarġet b'ċerti regolamenti:

- ma kellux ikun hemm tranżulazzjoni ta' relikwi sagri lejliet l-festa,
- id-dwal tal-festa setgħu biss jiġu armati fil-knisja u fil-viċinanzi tal-knisja,
- kellu jkun hemm banda waħda biss lejliet il-festa u oħra nhar il-festa,
- in-nar kellu wkoll ikun limitat.

Ħaġa oħra ferm importanti kienet li l-festa sekondarja ġewwa r-raħal kellu jkollha d-dekorazzjonijiet u l-affarijiet oħra ġodda ta' arti li kienu jintużaw għall-festa, ta' inqas valur u inqas sbieħ minn dawk tal-festa tal-patrun tar-raħal.

Jeremy Boissevan jgħid li sas-sena 1870 il-festa kienet iddum biss ġurnata. Huwa jgħid ukoll li kollox inbidel meta fis-sena 1876 Dun Ġużepp Barbara (li Jeremy Boissevan jirreferi għalih bħala Dun Rokku) sar il-Kappillan il-ġdid ta' Ħal Kirkop. Jgħid li Dun Ġużepp kien devot ħafna ta' San Ġużepp, kemm għax kien imsemmi għalih, kif ukoll minħabba l-fatt li kien ġej minn raħal fejn il-festa ta' San Ġużepp kienet ukoll il-festa sekondarja (Ħal Għaxaq). Fil-fatt fi żmien sena, ġiet stabbilita l-konfraternità ta' San Ġużepp, li skond il-President tal-Każin ta' San Ġużepp ta' dak iż-żmien, din saret biex tagħti iktar ħajja lir-raħal kwiet ta' Ħal Kirkop. Erba' snin wara, proprju fis-sena 1880, il-konfraternità ta' San Ġużepp iddedikat altar ġewwa l-knisja tal-parroċċa lil dan il-qaddis.

Fl-1888 inqala' inċident li wassal lil xi Koppin jirrikorru saħansitra għand l-Isqof. Xi Koppin kienu urtati ħafna għax Dun Ġużepp ipprova jgħolli r-renta fuq xi propjetà li kellha l-knisja. Il-Koppin li marru jilmentaw ma' l-isqof qalu li mhux biss Dun Ġużepp kien qiegħed jieħu xi fondi minn tal-parroċċa biex ikunu jistgħu jinxtraw xi dekorazzjonijiet għat-toroq għall-festa ta' San Ġużepp, iżda li issa ried anke jgħolli r-renta fuq xi propjetà tal-knisja biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir aktar malajr. Wara li saret l-investigazzjoni xierqa min-naħa tal-Kurja ta' Malta, il-prokura ma baqgħetx f'idejn Dun Ġużepp u ingħatat lil persuna prominenti ġewwa Ħal Kirkop li kienet partitarja tal-festa tal-Patrun tar-raħal, San Leonardu. Xi nies jgħidu li wara dan l-inċident, Dun Ġużepp sar iktar akkanit għall-festa sekondarja. Kien proprju wara dan l-avveniment li żdiedet sew il-pika bejn iż-żewġ festi.

Dun Ġużepp dam Kappillan ta' dan ir-raħal għal 56 sena. Għalkemm ħafna huma dawk li jgħidu li Dun Ġużepp ħadem ħafna biex sebbaħ il-knisja tal-parroċċa, ħafna jgħidu wkoll li kien hu li daħħal il-firda u l-pika li teżisti bejn il-partitarji tat-titular u tal-festa sekondarja ġewwa r-raħal ta' Ħal Kirkop. Fil-fatt Boissevain jirrapporta li tliet kwarti tan-nies tar-raħal kienu sfurzati li jkunu partitarji tal-festa ta' San Ġużepp b'diversi modi, fosthom minħabba li kien jagħmilha verament diffiċli lil xi ħadd li ried jiżżewweġ u li ma kienx membru

tal-konfraternità ta' San Ġużepp. Meta Dun Ġużepp miet, inqalgħet problema, għaliex il-partitarji ta' San Leonardo saru jafu li r-rikkezzi li kien hemm fil-knisja kienu nxtraw minn Dun Ġużepp għan-nom tal-konfraternità ta' San Ġużepp u mhux għall-parroċċa.

Bejn l-1925 u l-1953 inqalgħet kwistjoni oħra bejn il-partitarji taż-żewġ festi. Dan għaliex il-partitarji ta' San Ġużepp riedu li l-purċissjoni tgħaddi minn triq li l-partitarji ta' San Leonardo kellhom dritt assolut fuqha. Fil-fatt il-partitarji ta' San Leonardo irrifjutaw li jkomplu jagħmlu l-festa jekk dan kien ser jitħalla jkompli jseħħ.

Meta Dun Franġisk sar il-Kappillan il-ġdid tar-raħal, l-għaqda ta' San Leonardu laqgħetu billi għamlitlu festin, iżda l-Kappillan kien urtat ħafna minħabba li ma kien intlaqa' tajjeb xejn min-naħa tal-partitarji ta' San Ġużepp. Min-naħa l-oħra kemm il-partitarji ta' San Leonardu kif ukoll dawk ta' San Ġużepp riedu li jeskortaw bil-banda lill-Kappillan mid-dar tiegħu għall-knisja u lura. Iżda peress li ż-żewġ każini ma qablux x'kellu jsir, il-Kappillan iddeċieda li ħadd minnhom ma kellu jakkumpanjah. Fil-fatt is-Soċjetà ta' San Leonardu lanqas ħarqet in-nar li kien ġie ppreparat apposta għall-okkażjoni. Boissevain jgħid ukoll li f'dan iż-żmien il-każin ta' San Ġużepp la kellu bandisti u lanqas kellu surmast, għalhekk huma fil-verità ma kienu qegħdin jippreparaw xejn għal din l-okkażjoni. Għalhekk, li għamlu għamluh biss sforz il-pika biex iħassru l-festi li kienu qed jippreparaw il-partitarji ta' San Leonardu lill-Kappillan il-ġdid. Fil-fatt, Jeremy Boissevain jgħid li l-aħħar li kienet daqqet il-banda ta' San Ġużepp kien 6 snin qabel dan l-avveniment.

Fl-aħħarnett, fl-epilogu tiegħu, Jeremy Boissevain jiddeskrivi l-festa ta' San Leonardu tas-sena 1966 bħala waħda ta' suċċess kbir, anke minħabba l-fatt li l-għaqda San Leonardu kienet akkwistat il-post tan-nar tagħha u allura n-nar seta' jinħadem b'aktar kumdità.